

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija*

**2007/0121(COD)**

6.3.2008

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettjar u l-ippakkjar tas-sustanzi u t-taħlitiet, u li jemenda d-Direttiva 67/548/KEE u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (COM(2007)0355 – C6-0197/2007 – 2007/0121(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Anne Laperrouze

PA\_Legam

Il-proposta, kif emendata hawn taħt, tistabbilixxi punt importanti fi proċess inniedi fit-tmeninijiet mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, li mbagħad ġie adotatt u mwessa' mill-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp.

L-għanijiet tas-Sistema Armonizzata Globali tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikettar tal-Kimiċi (GHS) ikopru kriterji armonizzati għall-klassifikazzjoni ta' sustanzi u taħlitiet, skond il-perikli fiżiċi, għas-saħħa, jew ambjentali tagħhom, u mezzi armonizzati tat-tgħarrif ta' dawn il-perikli, inklużi dispożizzjonijiet dwar l-ittikkettar u dwar karti dwar dejta ta' sikurezza.

Ir-rapporteur għal opinjoni tista' biss tfaħħar din l-inizjattiva: huwa xieraq għall-aħħar li tkun adottata strateġija globali mmirata sabiex jiġiharsu b'aktar effettività s-saħħa u l-ambjent filwaqt li jiġihalla l-kummerċ internazzjonali fil-prodotti kkonċernati.

Il-proposta tal-Kummissjoni tarmonizza r-regoli dwar klassifikazzjoni, tikkettar u ppakkjar tas-sustanzi u t-taħlitiet. Hija timponi obbligu fuq l-impriżi sabiex jikklassifikaw is-sustanzi u t-taħlitiet tagħhom fuq l-inizjattiva tagħhom u jinnotifikaw il-klassifikazzjonijiet. Hija tistipula lista armonizzata ta' sustanzi klassifikati fuq livell ta' Komunità (fl-Anness VI). Fl-aħħarnett, tistabbilixxi inventarju ta' klassifikazzjoni u tikkettar li jinkludi fih in-notifiki u l-klassifikazzjonijiet armonizzati kollha msemmija hawn fuq.

Ikun mixtieq li l-proposta tkun konsistenti mar-REACH fir-rigward kemm ta' l-iskadenzi u l-approċċ ibbażat fuq it-tunnellaġġ jew fejn huma kkonċernati l-annessi, l-aktar l-Anness VI.

Skond il-proposta tal-Kummissjoni, parti 3 ta' l-Anness VI torbot. Din il-parti għandu jkollha biss il-klassifikazzjonijiet li, bis-saħħa tar-REACH u ta' l-Artikolu 38 ta' l-abbozz ta' regolament, jibqgħu armonizzati fuq livell Komunitarju, jiġifieri, il-kanċeroġenità, il-mutaġeniċità, it-tossiċità għar-riproduzzjoni (c/m/r), u s-sensitizzazzjoni respiratorja, kif ukoll każijiet speċifiċi ġustifikati (Artikolu 38(2)).

Qed jiġi propost li tiżdied parti 4 għall-Anness VI biex tkopri dispożizzjonijiet dwar klassifikazzjonijiet u tikkettar għal sustanzi perikolużi li diġà kienu s-suġġett ta' armonizzazzjoni Komunitarja fid-Direttiva 67/548/KEE fir-rigward ta' kategoriji ta' periklu li mhumiex dawk imniżla fl-Artikolu 38(1); dawn il-klassifikazzjonijiet u forom ta' tikkettar se jiġu ttrasferiti filwaqt li titqies il-klassifikazzjoni u l-kriterji ta' tikkettar stipulati fl-Anness I.

Il-Kummissjoni qed tipproponi li ddaħħal il-klassifikazzjonijiet ta' l-aħħar f'parti 3 ta' l-Anness VI, flimkien ma' dawk li se jibqgħu armonizzati fl-Artikolu 38, u se jkunu japplikaw il-proċeduri stipulati f'Artikoli 39 u 40. Dan l-approċċ għandu diversi żvantaġġi:

- it-'traduzzjoni', li fiha l-klassifikazzjonijiet tad-'Direttiva 67/548/KEE, Anness I' ġew ikkonvertiti fi klassifikazzjonijiet 'GHS' saret mingħajr konsultazzjoni;
- filwaqt li għandu jitfakkar li, sa fejn huma kkonċernati ħafna sustanzi, minħabba li l-kriterji attwali u l-kriterji GHS ma jikkorrispondux b'mod preċiż, se titħalla l-possibilità ta' deroga mill-klassifikazzjonijiet stipulati fl-Anness VI, parti 3;
- ir-rekwiżit fl-Artikolu 4(6) li jitlob li l-klassifikazzjonijiet imdaħħla fl-Anness VI, parti 3, ikunu 'kkompletati', jista' japplika biss għall-klassifikazzjonijiet 'parzjali' kif imsemmi fl-Artikolu 38;

- peress li l-klassifikazzjonijiet mhux se jkunu riveduti jew aġġornati, ftit ftit dawn se jtilfu r-relevanza tagħhom. Jekk huma jorbtu, ikun impossibbli li titqies dejta ġdida, partikolarment dejta miksuba bl-applikazzjoni tar-regolament REACH.

Għaldaqstant parti 4 ta' l-Anness VI għandha titqies bħala strument ta' riferenza li ma jorbotx li se jintuża fil-wisa' mill-industrija u mill-awtoritajiet.

B'dan il-mod, l-għexieren ta' snin ta' xogħol mill-esperti tal-Kummissjoni, mill-Istati Membri, u mill-industrija sabiex jikkomplaw l-Anness I tad-Direttiva 67/548/KEE ma 'jintremewx' u, barra minn hekk, ikun possibbli li l-kriterji GHS jiġu applikati bis-sħiħ.

Skond l-Artikolu 49, kieku l-fornituri kellhom japplikaw klassifikazzjonijiet u tikkettar differenti minn dawk speċifikati fl-Anness VI, parti 4, huma jkunu meħtieġa juru lill-awtoritajiet kompetenti li huma kienu tabilħaqq osservaw il-kriterji stipulati fil-partijiet 2 sa 5 ta' l-Anness I.

L-Anness VI li ma jorbotx, ħlief għal parti 3 tiegħu, jirrappreżenta vantaġġ doppju minħabba li jkun jevita l-konfużjoni, l-inkonsistenzi, l-ambigwitajiet, eċċ., fir-rigward ta' l-inventarju tal-klassifikazzjonijiet u tikkettar, li huma s-suġġett tat-Titolu V, Kapitolu 2, u ma jkunx itellef il-kummerċ internazzjonali.

Fir-rigward ta' l-informazzjoni imniżżla fuq il-prodotti lesti, billi l-Kummissjoni għażlet li tinkludi l-istadju ta' wara l-manifattura, il-kunsiderazzjoni ewlenija għandha tkun fuq il-kwalità u r-rilevanza ta' l-informazzjoni u mhux fuq il-kwantità tagħha.

Fl-aħħarnett, peress li tkun involuta sistema dinjija, ir-regolamentazzjoni fil-ġejjieni m'għandhiex timponi fuq l-impriżi Ewropej restrizzjonijiet li ma jkunux imposti fuq ir-rivali internazzjonali tagħhom.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Test propost mill-Kummissjoni

Emendi tal-Parlament

### Emenda 1 PREMESSA 7

(7) Il-benefiċċji għall-intrapriżi se jiżdiedu hekk kif aktar pajjiżi fid-dinja jadottaw il-kriterji tal-GHS fil-leġiżlazzjoni tagħhom.

(7) Il-benefiċċji għall-intrapriżi se jiżdiedu hekk kif aktar pajjiżi fid-dinja jadottaw il-kriterji tal-GHS fil-leġiżlazzjoni tagħhom.

Il-Komunità għandha tkun fuq quddiem ta' dan il-proċess biex tinkoraġġixxi pajjiżi oħra jsegwu u biex tippovdi vantaġġ kompetittiv lill-industrija fil-Komunità.

Il-Komunità għandha tkun fuq quddiem ta' dan il-proċess biex tinkoraġġixxi pajjiżi oħra jsegwu u biex tippovdi vantaġġ kompetittiv lill-industrija fil-Komunità **u b'mod partikulari lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (l-SMEs).**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-konsultazzjoni tal-Kummissjoni online tal-21 ta' Awwissu sal-21 ta' Ottubru 2006 irċeviet 370 risposta mill-intrapriżi, li minnhom 45% kellhom staff ta' inqas minn 250 impjegat.*

#### Emenda 2

#### PREMESSA 19

(19) Biex tiġi żgurata l-informazzjoni dwar sustanzi perikolużi inklużi fit-taħlitiet, it-taħlitiet għandhom ikunu ttikkettati wkoll, fejn hu xieraq, meta jkollhom ta' lanqas sustanza waħda li tkun ikklassifikata bħala perikoluża, anke jekk it-taħlitiet infushom m'humiex ikklassifikati bħala perikolużi.

(19) Biex tiġi żgurata l-informazzjoni dwar **u ħarsien minn** sustanzi perikolużi inklużi fit-taħlitiet, it-taħlitiet għandhom ikunu ttikkettati wkoll, fejn hu xieraq, meta jkollhom ta' lanqas sustanza waħda li tkun ikklassifikata bħala perikoluża, anke jekk it-taħlitiet infushom m'humiex ikklassifikati bħala perikolużi.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Klassifikazzjoni, tikkettar u pakkettar ma jitwettaqx għal skopijiet ta' informazzjoni biss iżda għal skopijiet ta' saħħa tal-konsumatur u protezzjoni ta' l-ambjent.*

#### Emenda 3

#### PREMESSA 21

(21) **Filwaqt li** l-klassifikazzjoni ta' kull sustanza jew taħlita tista' ssir fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli, **l-informazzjoni disponibbli** li għandha tintuża għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandha preferibbilment tħares id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, id-dispożizzjonijiet dwar it-trasport jew il-prinċipji jew proċeduri internazzjonali għall-validazzjoni ta' l-informazzjoni, sabiex tkun żgurata l-kwalità u l-komparabilità tar-riżultati u l-konsistenza ma' rekwiżiti oħra

(21) **Il**-klassifikazzjoni ta' kull sustanza jew taħlita tista' ssir fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli, li għandha tintuża għall-finijiet ta' dan ir-Regolament **u** għandha preferibbilment tħares id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, id-dispożizzjonijiet dwar it-trasport jew il-prinċipji jew proċeduri internazzjonali għall-validazzjoni ta' l-informazzjoni, sabiex tkun żgurata l-kwalità u l-komparabilità tar-riżultati u l-konsistenza ma' rekwiżiti oħra f'livell internazzjonali jew tal-Komunità. L-

f'livell internazzjonali jew tal-Komunità. L-istess għandu japplika fejn il-fornitur jagħżel li jiġġenera l-informazzjoni ġdida.

istess għandu japplika fejn il-fornitur jagħżel li jiġġenera l-informazzjoni ġdida.

### *Ġustifikazzjoni*

*Għandu jkun ċċarat li kwalunkwe informazzjoni rilevanti disponibbli tista' titqies fil-klassifikazzjoni ta' sustanza jew taħlita.*

#### Emenda 4 PREMESSA 25

(25) **Informazzjoni ġdida dwar** il-perikli fiżiċi għandhom dejjem ikunu meħtieġa, ħlief jekk id-*data* hija diġà disponibbli jew jekk hija prevista deroga fil-parti 2.

(25) **Testijiet biex jiddeterminaw** il-perikli fiżiċi **ta' sustanza jew taħlita** għandhom dejjem ikunu meħtieġa, ħlief jekk id-*dejta rilevanti meħtieġa* hija diġà disponibbli jew jekk hija prevista deroga fil-parti 2.

#### Emenda 5 PREMESSA 44

(44) Ir-riżorsi ta' l-awtoritajiet għandhom ikunu ffokati fuq sustanzi ta' l-akbar tħassib. Għandu jkun hemm provvediment sabiex l-awtoritajiet kompetenti jew il-fornituri ikunu jistgħu jissottomettu proposti lill-Aġenzija għal klassifikazzjoni armonizzata tas-sostanzi jekk ikunu ikklassifikati bħala kanċeroġeni, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni fil-kategoriji 1A jew 1B, sensitizzanti għar-respirazzjoni, jew minħabba effetti oħra fuq bażi ta' każ b'każ. L-Aġenzija għandha tagħti l-opinjoni tagħha dwar il-proposta filwaqt li l-partijiet interessati għandu jkollhom l-opportunità li jikkumentaw. Il-Kummissjoni għandha mbagħad tiegħu deċiżjoni dwar il-klassifikazzjoni finali.

(44) Ir-riżorsi ta' l-awtoritajiet għandhom ikunu ffokati fuq sustanzi ta' l-akbar tħassib ***fir-rigward tas-saħħa u l-ambjent***. Għandu jkun hemm provvediment sabiex l-awtoritajiet kompetenti jew il-fornituri ikunu jistgħu jissottomettu proposti lill-Aġenzija għal klassifikazzjoni armonizzata tas-sostanzi jekk ikunu ikklassifikati bħala kanċeroġeni, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni fil-kategoriji 1A jew 1B, sensitizzanti għar-respirazzjoni, jew minħabba effetti oħra fuq bażi ta' każ b'każ. L-Aġenzija għandha tagħti l-opinjoni tagħha dwar il-proposta filwaqt li l-partijiet interessati għandu jkollhom l-opportunità li jikkumentaw. Il-Kummissjoni għandha mbagħad tiegħu deċiżjoni dwar il-klassifikazzjoni finali.

#### Emenda 6 PREMESSA 52 A (ġdida)

*(52a) Bil-għan li l-konsumaturi jingħataw informazzjoni xierqa u li jkunu evitati miżuri sproporzjonati, bħal pakkettar reżistenti għat-tfal, li jista' jirriżulta minn klassifikazzjoni żejda ta' sustanzi u taħlitiet, u biex ikun evitat xogħol doppju ta' ttestjar, l-Istati Membri għandhom jintroduċu proċedura li tassisti l-fornituri kollha, u b'mod partikulari l-SMEs f'ċerti gruppi ta' prodotti speċifiċi biex jiddeterminaw il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-pakkettar xierqa, għal sustanzi u taħlitiet bħal dawn.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Fejn il-manifattur għandu biss l-informazzjoni provduta mill-fornitur(i) tas-sustanzi użati fil-prodott (taħlita), huwa jrid joqgħod fuq l-istabbiliment tal-klassifikazzjoni tat-taħlita minn evalwazzjoni ta' informazzjoni skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 9 paragrafu 4. Dan jista' jissottovaluta jew (partikolarment) jistima aktar il-proprjetajiet perikolużi tat-taħlita. Id-dispoibilità u r-rikonoxximent ta' proċedura fejn ikunu disponibbli għarfien, informazzjoni addizzjonali u dejta biex tiġi evalwata taħlita, tista' tiżgura klassifikazzjoni aktar preċiża u ta' aktar valur għall-SMEs.*

#### Emenda 7

Artikolu 9, paragrafu 4, subparagrafu 2

Madanakollu, fejn l-informazzjoni ma tippermettix l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' tqarrib, il-fornitur għandu jivvaluta l-informazzjoni billi japplika l-metodu l-ieħor jew l-oħra deskritti f'kull sezzjoni tal-partijiet 3 u 4 ta' l-Anness I.

Madanakollu, fejn l-informazzjoni ma tippermettix l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' tqarrib **u meta valutazzjoni minn esperti ma tistax tiġġustifika estensjonijiet li jmorru 'l hinn mill-prinċipji ta' tqarrib**, il-fornitur għandu jivvaluta l-informazzjoni billi japplika l-metodu l-ieħor jew l-oħra deskritti f'kull sezzjoni tal-partijiet 3 u 4 ta' l-Anness I.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Għall-finijiet ta' konsistenza mal-kliem tat-test tal-UNGHS dwar il-valutazzjoni ta' l-esperti (punt 1.3.2.4.8 tal-Karta Vjola): 'L-approċċ għall-ikklassifikar ta' taħlitiet jinkludi l-applikazzjoni ta' valutazzjoni minn esperti f'għadd ta' oqsma biex ikun żgurat li informazzjoni eżistenti tkun tista' tintuża għall-akbar numru ta' taħlitiet possibbli għall-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u ta' l-ambjent'.*

#### Emenda 8

Artikolu 9, Paragrafu 4 a (ġdid)

**4a. Fejn, għal grupp speċifiku ta' prodotti, ikun stabbilit ċentru għall-perikli u ta' klassifikazzjoni li jressaq flimkien il-kompetenza speċjalizzata fl-evalwazzjoni ta' informazzjoni, dejta ta' eżami, prova ta' determinazzjonijiet ta' evidenza, u prinċipji ta' tqarrib relatati ma' sustanzi u taħlitiet f'dan il-grupp ta' prodotti, fornitur ta' sustanzi u taħlitiet bħal dawn jista' jserraħ fuq evalwazzjoni provduta minn dan iċ-ċentru għall-iskop li jkunu aċċertati l-perikli assoċjati mas-sustanza jew taħlita.**

*Ġustifikazzjoni*

*Fejn il-manifattur għandu biss l-informazzjoni provduta mill-fornitur(i) tas-sustanzi użati fil-prodott (taħlita), huwa jrid joqgħod fuq l-istabbiliment tal-klassifikazzjoni tat-taħlita minn evalwazzjoni ta' informazzjoni skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 9 paragrafu 4. Dan jista' jissottovaluta jew (partikolarment) jistima aktar il-proprjetajiet perikolużi tat-taħlita. Id-dispoibilità u r-rikonoxximent ta' proċedura fejn ikunu disponibbli għarfien, informazzjoni addizzjonali u dejta biex tiġi evalwata taħlita, tista' tiżgura klassifikazzjoni aktar preċiża u ta' aktar valur għall-SMEs.*

Emenda 9

Artikolu 12, punt (c)

(c) fejn informazzjoni adegwata u ta' min jorbot fuqha turi li l-potenzjal ta' okkorrenza ta' effetti sinerġetiċi jew antagonistiċi **fost** is-sustanzi fit-taħlita **li għaliha l-evalwazzjoni ġiet deċiża fuq il-bażi ta' l-informazzjoni għas-sustanzi fit-taħlita.**

(c) fejn informazzjoni adegwata u ta' min jorbot fuqha turi li l-potenzjal ta' okkorrenza ta' effetti sinerġetiċi jew antagonistiċi **bejn** is-sustanzi fit-taħlita.

Emenda 10

Artikolu 17, Paragrafu 1, Parti Introduttorja

1. Sustanza jew taħlita klassifikata bħala perikoluża għandu jkollha tikketta li jkun fiha dawn l-elementi:

1. Sustanza jew taħlita klassifikata bħala perikoluża għandu jkollha tikketta **fuq il-pakkett** li jkun fiha dawn l-elementi:

*Ġustifikazzjoni*

*L-ittikkettar jista' jseħħ biss fuq il-pakkett. L-indikazzjoni fuq il-pakkett tas-sustanza li*



*tinnewtralizza hija miżura ta' sikurezza ta' emerġenza, kif hija l-indikazzjoni tan-numru ta' emerġenza (112).*

Emenda 11  
ARTIKOLU 31, PARAGRAFU 1, PUNT (K)

(k) Periklu Akwatiku Kroniku ***tal-kategorija 1, 2, 3 u 4.***

(k) Periklu Akwatiku Kroniku ***tal-kategorija 1 u 2.***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kategoriji 3 u 4 tal-Periklu Akwatiku Kroniku mhumiex assoċjati mas-simboli bl-istampi tal-periklu; jekk id-dikjarazzjoni tal-periklu ma tkunx inkluża fil-pakkett, l-utenti ma jkunux konxji minn dak il-periklu partikulari. L-emenda proposta tirrifletti l-prattika kurrenti fid-DPD għal taħlitiet ikklassifikati bħala R10 jew R52/53, jiġifieri klassifikazzjonijiet li m'humiex assoċjati ma' simboli ta' periklu. Assoċjati ma' l-emenda dwar l-Artikolu 31, paragrafu 1 a (ġdid).*

Emenda 12  
Artikolu 31, Paragrafu 1 a (ġdid)

***1a. Fil-każ ta' pakketti li fihom 125ml jew anqas, m'hemmx il-hteġa li jkun hemm avviżi ta' prekwazzjoni fuq it-tikketta, jekk is-sustanza jew it-taħlita tkun klassifikata bħala Periklu Akwatiku Kroniku tal-kategorija 3 jew 4.***

*Ġustifikazzjoni*

*Assoċjati ma' l-emenda dwar l-Artikolu 31, paragrafu 1, punt k. Il-kategoriji 3 u 4 tal-Periklu Akwatiku Kroniku mhumiex assoċjati mas-simboli bl-istampi tal-periklu; jekk id-dikjarazzjoni tal-periklu ma tkunx inkluża fil-pakkett, l-utenti ma jkunux konxji minn dak il-periklu partikulari. L-emenda proposta tirrifletti l-prattika kurrenti fid-DPD għal taħlitiet ikklassifikati bħala R10 jew R52/53, jiġifieri klassifikazzjonijiet li m'humiex assoċjati ma' simboli ta' periklu.*

Emenda 13  
Artikolu 31, Paragrafu 2 a (ġdid)

***2a. M'hemm l-ebda obbligu ta' tikketta għal dawk il-prodotti ta' applikazzjoni unika, jew ta' servizz uniku, ta' porzjon wieħed jew pakketti ta' doża f'junits***

***miżmuma f'pakketti ttikkettati skond dan ir-Regolament u li huma mneħħija biss għal użu uniku bi qbil ma' struzzjonijiet ta' l-utent li jakkumpanjaw il-pakkett.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din tiċċara s-sitwazzjoni rigward it-taħlitiet ipprovduti f'forma ta' doża fjunits fejn il-prodott (pereżempju pillola) huwa maħsub a) għal użu singolu biss jew b) għandu jitneħħa mill-pakkett ta' barra direttament qabel l-użu u c) l-istruzzjonijiet kollha (u ttikkettar ieħor) jinsabu fuq il-pakkett ta' barra.*

#### Emenda 14

##### Artikolu 36, paragrafu 1, subparagrafu 1

1. Fejn kemm l-ippakkjar ta' barra u ta' ġewwa ***huwa użat*** u l-ippakkjar ta' barra ***ma jkollux simbolu bl-istampa*** skond ir-regoli dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża previsti fir-Regolament (KEE) Nru 3922/91, id-Direttiva 94/55/KE, id-Direttiva 96/49/KE jew id-Direttiva 2002/59/KE, ***kemm*** l-ippakkjar ta' ġewwa ***kif ukoll l-ippakkjar ta' barra, għandhom ikunu ttikkettati*** skond dan ir-Regolament.

1. Fejn kemm l-ippakkjar ta' barra u ta' ġewwa ***jintużaw***, u l-ippakkjar ta' barra ***għandu tikketta*** skond ir-regoli dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża stipulati fir-Regolament (KEE) Nru 3922/91, id-Direttiva 94/55/KE, id-Direttiva 96/49/KE jew id-Direttiva 2002/59/KE, l-ippakkjar ta' ġewwa, ***għandu jkun ittikkettat*** skond dan ir-Regolament.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Konformi mad-DPD l-Artikolu 11.6(a).*

#### Emenda 15

##### Artikolu 37, paragrafu 2

2. L-ippakkjar fil-forma ta' kontenituri li fihom sustanza perikoluża jew taħlita mibjugħa jew disponibbli għall-pubbliku ġenerali m'għandux ***ikollha*** forma jew dekorazzjoni grafika li ***tagħmilha*** attraenti jew ta' kurżità għat-tfal jew li tqarraq bil-konsumaturi, jew preżentazzjoni jew disinn użat għall-oġġetti ta' l-ikel jew għalf ta' l-animali jew prodotti mediċinali jew kożmetiċi.

Fejn kontenituri simili jissodisfaw il-kondizzjonijiet fis-sezzjoni 3.1.1 ta' l-

2. L-ippakkjar fil-forma ta' kontenituri li fihom sustanza perikoluża jew taħlita mibjugħa jew disponibbli għall-pubbliku ġenerali m'għandux ***ikollu*** forma jew dekorazzjoni grafika li ***tagħmlu*** attraenti jew ta' kurżità għat-tfal jew li tqarraq bil-konsumaturi, jew preżentazzjoni jew disinn użat għall-oġġetti ta' l-ikel jew għalf ta' l-animali jew prodotti mediċinali jew kożmetiċi.

Fejn kontenituri simili jissodisfaw il-kundizzjonijiet fis-sezzjoni 3.1.1 ta' l-

Anness II għandu jkollhom qfil reżistenti għat-tfal skond is-sezzjonijiet 3.1.2, 3.1.3 u 3.1.4.2 ta' l-Anness II.

Fejn kontenituri simili jilhqqu l-kondizzjonijiet tas-sezzjoni 3.2.1 ta' l-Anness II għandu jkollhom twissija ta' periklu skond is-sezzjoni 3.2.2 ta' l-Anness II.

Anness II *huma* għandu jkollhom qfil reżistenti għat-tfal skond is-sezzjonijiet 3.1.2, 3.1.3 u 3.1.4.2 ta' l-Anness II, **sakemm ma jkunx hemm dispożizzjonijiet speċifiċi dwar pakkettar li jkun japplikaw għat-taħlita f'xi Direttiva jew Regolament ieħor ta' l-UE, b'mod partikolari fir-Regolamenti (KE) Nri 648/2004 u 907/2006.**

Fejn kontenituri simili jissodisfaw il-kundizzjonijiet fis-sezzjoni 3.1.1 ta' l-Anness II *huma* għandu jkollhom twissija ta' periklu skond is-sezzjoni 3.2.2 ta' l-Anness II, **sakemm ma jkunx hemm dispożizzjonijiet speċifiċi dwar pakkettar li jkun japplikaw għat-taħlita f'xi Direttiva jew Regolament ieħor ta' l-UE, b'mod partikolari fir-Regolamenti (KE) Nri 648/2004 u 907/2006.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tevita li jkun hemm duplikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' direttivi jew regolamenti oħra ta' l-UE.*

#### Emenda 16

##### Artikolu 41, paragrafu 1, subparagrafu 1

1. Kull manifattur jew importatur, jew grupp ta' manifatturi jew importaturi, minn issa 'l quddiem "in-notifikaturi" li jqiegħdu fis-suq sustanza soġġetta għar-reġistrazzjoni skond ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jew *sostanza* klassifikata bħala perikoluża waħedha jew f'taħlita ogħla mil-limiti ta' konċentrazzjoni speċifikati fid-Direttiva 1999/45/KE jew f'dan ir-Regolament, fejn relevanti, li tirriżulta fil-klassifikazzjoni tas-*sostanza* bħala perikoluża, għandu jinnotifika lill-Aġenzija l-informazzjoni li ġejja biex din tiġi inkluża fl-inventarju msemmi fl-Artikolu 43:

1. Kull manifattur jew importatur, jew grupp ta' manifatturi jew importaturi, minn issa 'l quddiem "in-notifikaturi" li jqiegħdu fis-suq sustanza **klassifikata bħala 'ta' periklu' u soġġetta għar-reġistrazzjoni skond ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jew, fejn il-kwantità taqbeż it-tunnellata fis-sena, sustanza** klassifikata bħala perikoluża waħedha jew f'taħlita ogħla mil-limiti ta' konċentrazzjoni speċifikati fid-Direttiva 1999/45/KE jew f'dan ir-Regolament, fejn relevanti, li tirriżulta fil-klassifikazzjoni tas-*sostanza* bħala perikoluża, għandu jinnotifika lill-Aġenzija l-informazzjoni li ġejja biex din tiġi inkluża fl-inventarju msemmi fl-Artikolu 43:

## Ġustifikazzjoni

*L-obbligu, li jibda mill-1 ta' Diċembru 2010, li l-Aġenzija tkun innotifikata għall-finijiet ta' l-inventarju ta' klassifikazzjoni m'għandux ikun applikat għal kull każ fejn sustanza suġġetta għar-reġistrazzjoni tkun se titqiegħed fis-suq, iżda biss għal dawk is-sustanzi kklassifikati bħala perikolużi, inklużi l-każi fejn hija kkonċernata r-REACH. Fl-aħħar żewġ każijiet imsemmija (sustanza klassifikata bħala perikoluża waħedha jew f'taħlita ...), għandu jitwaqqaf valur minimu (1 tunnellata fis-sena). Jekk dan ma jsirx tkun qegħda tiddgħajjef iċ-ċertezza legali u jintlaqtu ħażin l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp.*

### Emenda 17 ARTIKOLU 45

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru korp jew korpi responsabbli biex jirċievu l-informazzjoni mill-fornituri, **li tinkludi l-kompożizzjoni kimika tat-taħlitiet** imqiegħda fis-suq u kklassifikati jew ikkunsidrati bħala perikolużi fuq il-bażi ta' l-effetti tagħhom fuq is-saħħa jew fuq il-bażi ta' l-effetti fiżiċi tagħhom.

2. Il-korpi appuntati għandhom jipprovdu il-garanziji rekwiżiti kollha għaż-żamma tal-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni li tasal. Din l-informazzjoni tista' tintuża biss biex **tilqa' talba medika billi tifformula miżuri preventivi u kurattivi, b'mod partikolari f'każ ta' emerġenza.**

**L-informazzjoni** m'għandhiex tintuża għal skopijiet oħra.

3. Il-korpi appuntati għandu jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-informazzjoni kollha meħtieġa mill-fornituri responsabbli għall-bejgħ biex iwettqu l-ħidmiet li għalihom huma responsabbli.

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru korp jew korpi responsabbli biex jirċievu l-informazzjoni mill-fornituri **dwar it-taħlitiet** imqiegħda fis-suq u kklassifikati jew ikkunsidrati bħala perikolużi fuq il-bażi ta' l-effetti tagħhom fuq is-saħħa jew fuq il-bażi ta' l-effetti fiżiċi tagħhom.

**1a. L-informazzjoni msemija fil-paragrafu 1 għandha tkun ippreżentata fil-format stipulat fl-Anness VIIa<sup>1</sup> u għandha tkun biżżejjed biex tissodisfa l-ħtiġijiet mediċi bil-għan li jiġu ddeterminati miżuri preventivi u kurattivi, inkluż f'każ ta' emerġenza.**

2. Il-korpi appuntati għandhom jipprovdu l-garanziji rekwiżiti kollha għaż-żamma tal-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni li tasal. Din l-informazzjoni tista' tintuża biss biex **tissodisfa l-ħtiġijiet mediċi msemija fil-paragrafu 2 u** m'għandhiex tintuża għal skopijiet oħra.

3. Il-korpi appuntati għandu jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-informazzjoni kollha meħtieġa mill-fornituri responsabbli għall-bejgħ biex iwettqu l-ħidmiet li għalihom huma responsabbli.

**3a. Ta' kull sena l-Istati Membri għandhom jippreżentaw dejta bbażata fuq il-bażi ta' dejta Ewropea dwar l-inċidenti**

*mwaqqfa permezz tal-programm EHLASS (Sistema Ewropea ta' Sorveljanza ta' l-inċidenti fid-dar u fil-ħin liberu), li turi n-numru ta' inċidenti u t-taħlitiet involuti fir-rigward ta' liema korpi maħtura rċevew talbiet għal informazzjoni medika dwar miżuri ta' trattament u ta' kura.*

---

*<sup>1</sup>Ir-rekwiżiti dwar informazzjoni mniżżla fid-dispożizzjonijiet kollha maħruġa mill-EACCPT jiffurmaw il-bażi ta' l-Anness VIIa.*

### *Ġustifikazzjoni*

*Minħabba li kull Stat Membru għandu arranġamenti differenti dwar talbiet għal informazzjoni u dwar formats preskritti, proċedura Komunitarja tkun tiffavorixxi t-trasparenza u tħaffef l-aspetti ta' infurzar.*

*L-Assoċjazzjoni Ewropea taċ-Ċentri kontra l-Velenu u ta' Tossikoloġija Klinika ppubblikat rekwiżiti ta' informazzjoni li jkunu jiffurmaw il-bażi ta' Anness VIIa għdid. Il-bażi ta' dejta dwar inċidenti mwaqqaf mid-DG għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur ikun iservi ta' mezz għar-rappurtar ta' dejta miġbura mill-korpi maħtura dwar taħlitiet u inċidenti li fihom dawn ikunu involuti.*

### Emenda 18

#### Artikolu 52, paragrafu 1

1. Fejn Stat Membru jkollu raġunijiet ġustifikabbli għalxiex jemmen li sustanza jew taħlita, **minkejja li tkun tissodisfa** r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, tikkostitwixxi riskju għas-saħħa tal-bniedem jew ta' l-ambjent minħabba raġunijiet ta' klassifikazzjoni, ittikkettar jew ippakkjar, huwa jista' jieħu miżuri temporanji xierqa. L-Istat Membru għandu jinforma minnufih lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija u lill-Istati Membri l-oħra b'dan, u jagħti r-raġunijiet għad-deċizzjoni tiegħu.

1. Fejn, **fil-każ ta' tilwima ma' fornitur**, Stat Membru jkollu raġunijiet ġustifikabbli għalxiex jemmen li sustanza jew taħlita, **irrelevanti jekk tissodisfax jew le** r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, tikkostitwixxi riskju għas-saħħa tal-bniedem jew ta' l-ambjent minħabba raġunijiet ta' klassifikazzjoni, ittikkettar jew ippakkjar, huwa jista' jieħu miżuri temporanji xierqa. L-Istat Membru għandu jinforma minnufih lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija u lill-Istati Membri l-oħra b'dan, u jagħti r-raġunijiet għad-deċizzjoni tiegħu.

### *Ġustifikazzjoni*

*Ikun mixtieq li titqies l-eventwalità li jinqalgħu tilwimiet bejn il-fornituri u l-Istati Membri dwar l-interpretazzjoni tar-rekwiżiti tar-regolament, u l-ħtieġa ta' proċedura biex tinkiseb klassifikazzjoni armonizzata f'każ ta' tilwima.*

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Klassifika, tikkettar u ppakkjar ta' sustanzi u taħlitiet
<b>Referenzi</b>	COM(2007)0355 – C6-0197/2007 – 2007/0121(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b>	ENVI
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 9.7.2007
<b>Rapporteur ta' opinjoni:</b> Data tal-ħatra	Anne Laperrouze 9.10.2007
<b>Diskussjoni fil-kumitat</b>	19.12.2007      29.1.2008
<b>Data ta' l-adozzjoni</b>	6.3.2008
<b>Riżultat tal-vot finali</b>	+:            35 –:            3 0:            0
<b>Membri preżenti għall-vot finali</b>	Šarūnas Birutis, Philippe Busquin, Jerzy Buzek, Giles Chichester, Dragoş Florin David, Den Dover, Lena Ek, Nicole Fontaine, Norbert Glante, András Gyürk, Fiona Hall, David Hammerstein, Rebecca Harms, Ján Hudacký, Romana Jordan Cizelj, Pia Elda Locatelli, Eluned Morgan, Reino Paasilinna, Francisca Pleguezuelos Aguilar, Anni Podimata, Paul Rübig, Andres Tarand, Patrizia Toia, Catherine Trautmann, Nikolaos Vakalis
<b>Sostitut(i) preżenti għall-vot finali</b>	Etelka Barsi-Pataky, Ivo Belet, Danutė Budreikaitė, Zdzisław Kazimierz Chmielewski, Malcolm Harbour, John Purvis, Bernhard Rapkay, Esko Seppänen, Vladimir Urutchev
<b>Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-vot finali</b>	Chris Davies, Andrew Duff, Ruth Hieronymi, Jacques Toubon